**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Wayne Mallia**

Illum 21 ta' Ottubru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Wayne Mallia ta' 34 sena bin Joseph u Emanuela xebba Bonavia imwieled Bormla, nhar it-2 ta' Jannar 1980, residenti gewwa Blk U, Dr B, Flt 4, Cinenarja Str, Santa Lucija, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 44980M talli:

Bejn l-4 ta' Gunju 2014 u l-5 ta' Gunju 2014 gewwa Malta minghajr awtorizzazzjoni uza computer jew taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk, dan bi ksur tal-artikoli 337C (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess dati, hin u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni installa, nehha, biddel, ghamel hsara, hassar, iddeterjora, razzan, qered, varja jew zied ma' xi data, software jew xi dokumentazzjoni ta' appogg u dan bi ksur tal-artikoli 337C(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess dati, hin u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni immodifika taghmir jew provisti tal-computer li ntuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw f'xi computer, Sistema tal-computer jew computer network,

u ha pussess ta, ghamel hsara fi jew teqred xi computer, Sistema tal-computer, computer network jew provisti tal-computer li jintuzaw jew huma mahsubin li jintuzaw f'xi computer jew computer network jew hassar it-thaddim ta' xi wiehed minnhom u dan bi ksur tal-artikoli 337D(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz kellu l-bidu tieghu billi certu Jacqueline Testa fil-kariga taghha bhala direttrici tal-kumpanija Heart FM li huwa radju lokali rrappurtat fil-5 ta' Gunju, 2014 li ndunat li gurnata qabel xi hadd kien hassar il-website tal-kumpanija. Qaltilhom li l-ahhar li kienu raw il-website intatta kien madwar xahar qabel u li s-suspett taghha kien waqa' fuq l-imputat billi sa dak iz-zmien kien impjegat maghhom u ma baqax u li huwa kien l-uniku persuna li kien jaf il-password flimkien ma' Adrian Grech li kien akkumpanja lil Testa biex taghmel ir-rapport.

Meta Jacqueline Testa xehdet li hija ghandha Radio Heart FM. Hija qalet li l-imputat waqqa' l-website tar-radju li kien krea huwa stess fil-hin volontarju tieghu. Tghid li ventwalment il-website regghet saret mill-gdid u hija ddikjarat li riedet twaqqa' r-rapport taghha.

Adrian Grech min-naha tieghu xehed li huwa kien jahdem f'dan ir-radju u li f'xi zmien kien inqala' dizgwid bejn il-management. Jixhed li kellhom xi password tal-website, kif ukoll ta' xi siti socjali ohra li kienu qeghdin fil-pussess ta' Wayne Mallia. Wara xi hmistax-il gurnata rrangaw il-vertenzi ta' bejniethom u l-passwords inghataw lura minn Wayne Mallia.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Christopher Farrugia li kien l-istation manager tal-istazzjoni inkwistjoni. Huwa spjega li l-imputat fuq bazi volontarja offra biex jiehu hsieb jaghmel il-website tal-istazzjon. Mallia kellu d-disinn u anki l-accounts kienu tieghu. Il-main password kienet f'idejn l-imputat. Ghalhekk huwa jsostni li d-drittijiet tal-awtur huma ta' l-imputat.

L-imputat irrilaxxja stqarrija fejn huwa stqarr li huwa holoq il-website tal-istazzjon mill-bidu sal-ahhar u li wara li lestiha m'ghogbotx lil Adrian Grech u ried li tinbidel. Dan Adrian biddel il-layout biss u nqalghet xi kwistjoni fejn telqu diversi nies minn mal-istazzjon u anki huwa telaq. Huwa jghid li billi l-website kien ghamilha huwa qabad u nehhiha izda d-domain li hallsu ghaliha tal-istazzjon seta' jintuza'.

Il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhix tipprova l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mil-ligi. L-imputat sostna li l-website hija kreazzjoni tieghu mill-bidu sal-ahhar u ghaldaqstant huwa kellu kull dritt li jnehhiha. Min-naha taghha l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar lil min japartjeni l-istazzjon, fuq min huwa licenzjat u min ghandu r-rapprezentanza legali tieghu. Kwindi fl-atti ma jirrizultax min suppost kienet il-persuna li minghandha kellha tintalab awtorizzazzjoni biex ikun hemm modifika jew addirittura thassir tal-website. Inoltre', fi kwalunkwe kaz, jigi nnutat ukoll li l-imputat jinsab akkuzat li hassar il-website bejn l-4 ta' Gunju 2014 u l-5 ta' Gunju 2014. Dwar dan ukoll tezisti diskrepanza fis-sens li fir-rapport jissemma li Jacqueline Testa kienet rat il-website l-ahhar intatta xahar qabel u kienet indunat proprju dakinhar tar-rapport 5 ta' Gunju, 2014. Dan gie wkoll ripetut mill-Ispettur Hubert Cini fix-xhieda tieghu. Ma jirrizultax minn provi ohra processwali meta effettivament tnehhiet din il-website. Ghaldaqstant lanqas ma gie ppruvat l-gurnata meta tnehhiet din il-website.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat